# Għajnuniet tal-Mostin
## lill-Knisja u lil Dawk li Kienu Foqra bejn l-1641 u l-1742



minn Alexander BONNICI O.F.M. Konv., H.E.D., S.Th.L., Ph.B.

### Fi Żmien ta' Faqar Kbir

Qegħdin żmien meta l-Mosta kienet fost l-ifqar irħula ta' Malta. Kienu mitt sena li matulhom il-Mostin ma kellhomx ħlief il-knisja parrokkjali biex jattendu fiha għad-dmirijiet tagħhom bħala insara. Ftit knejjes oħra kien hemm. Imma kienu kważi dejjem magħluqin. Fihom, bil-għajnuna ta' xi dħul minn legat, kienet tiġi ċċelebrata xi quddiesa jew tnejn matul is-sena. Il-poplu ma kienx jgħix ħlief mill-biedja. Imma l-għelieqi ma kienux jirrendu daqs kemm kien mixtieq. Huma bil-ħniena kien ikollhom biex jipprovdu l-għajxien għall-familji tagħhom. Kienu familji numerużi; imma mhux inqas minn nofs it-trabi li kienu jitwieldu ma kienux jgħixu. Ħafna kienu jmutu b'mard fl-imsaren.

Min-naħa l-oħra, il-popolazzjoni kienet qed tikber. Il-knisja parrokkjali - li l-arkitett tagħha kien Tommaso Dingli - kienet ilha li tlestiet mis-sena 1619. Imma, billi l-popolazzjoni baqgħet tikber, malajr bdiet tidher żgħira. Ħadd ma kellu l-kuraġġ jaħseb għal knisja akbar għaliex flus ma kienx hemm.

Dawn huma intietef ta' storja tul mitt sena: 1641 - 1742. Il-parroċċa tmexxiet min ħames Kappillani. Kienu Dun Salv Muscat (1618-1647), Dun Karl Schembri (1647-1671, 1675-1678), Dun Ġwannbattista Schembri (1671-1675), Dun Salv Dimech (1679-1697) u Dun Lawrenz Abela (1697-1742).

### Legati f'Kuntratti li Jkellmuna

Hu żmien meta x'uħud mill-Mostin ħassewhom fid-dmir li jgħinu kemm lill-knejjes, speċjalment lil dik parrokkjali, kif ukoll lil dawk li kienu fil-bżonn ta' xi għajnuna. Dawn ma kienux xi nies ta' għana kbir; imma riedu juru li kienu insara tassew. B'dak li ħallew, huma ttamaw li jkollhom suffraġju għal ruħhom għaliex, bħala insara, riedu jaħdmu ħalli jakkwistaw xi merti quddiem Alla. Kienu jafu li, mal-mewt, ma jistgħux jimmeritaw iżjed. Imma għallmuhom li ħaddieħor seta' jitlob għalihom ħalli jinħafrulhom l-fdalijiet ta' ħtijiethom, u jibdew igawdu lil Alla għall-eternità.

Huma kellhom fiduċja shiħa fil-mexxejja spiritwali tagħhom. Għalhekk, waqt li kienu jmorru quddiem nutar biex jiddisponu minn ġidhom, dak li jħallu, meta jkun marbut ma' xi opra tajba, kienu jitilquh f'idejn xi amministrazzjoni tal-parroċċa. F'reġistru tal-parroċċa, kien jitniżżel x'kienu l-obbligi li l-knisja kienet fid-dmir li tissodisfahom.

Meta l-Isqof Djoċesan kien imur il-Mosta għal viżta pastorali, kien jitressaq quddiemu r-reġistru tal-legati. Kien jitkellem ukoll ma' dawk li kienu fid-dmir li jieħdu ħsieb li jsir dak li kien stabbilit. Ma kinitx sempliċi formalità għaliex kienet issir l-osservazzjoni meħtieġa meta xi legat ma kienx qed jiġi sodisfatt. Dan ġara anki fil-Mosta ta' dan iż-żmien.

L-Isqfijiet li marru l-Mosta għal xi viżta pastorali f'dan iż-żmien kienu Michele-Giovanni Balaguer, Luca Buenos, Lorenzo D'Astiria, Michele-Girolamo Molina, David Cocco Palmeri, Giacomo Cannaves, Gaspare Gori Mancini, Paolo Alpheran de Bussan. Xi legat jintrabat ma' xi viżta. L-aħjar viżta, jekk inħarsu lejn id-dettalji, kienet dik ta' Alpheran de Bussan fil-31 ta' Mejju 1744. Fiha nsibu, bid-dettalji, il-legati kollha li kien hemm.

Minnha, sejrin neżaminaw aspett ċkejken li jolqot l-argument tagħna. Fil-fatt, jekk inħarsu lejn ir-rapport kollu kemm hu, minnu nsiru nafu lill-Mosta kompletament. Jiena ser insegwi l-ordni kronoloġiku tal-legati.

#### 1641 u 1644: Mill-Atti tan-Nutara Conti u Fenech

Fit-2 ta' Marzu 1641, b'kuntratt quddiem in-Nutar Domenico Conti, Ġorġ Muscat ħalla biċċa art, imsejħa *'Ta' Ġammo'*, bl-obbligu li tiġi ċċelebrata quddiesa kull nhar ta' Ġimgħa f'ġieħ il-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fl-altar tal-Madonna tal-Grazzja: li miegħu kienet marbuta s-Sodalità tal-Moribondi. Dawk imbagħad, li kien jifdal mill-imgħax kellu jitqassam lill-foqra tal-Mosta.[1]

Fis-17 ta' Mejju 1644, b'kuntratt quddiem in-Nutar Ġann-Pawl Fenech, Damjan Bonnici ħalla biċċa art, imsejħa *'Iċ-Ċens ta' Giegu'*, bl-obbligu li titqaddes għal dejjem quddiesa sempliċi, fi sbiħ il-jum, kull nhar ta' Ħadd u fil-festi bl-obbligu tal-quddies, għall-kumdità tal-poplu nisrani.[2]

#### 1653: Mill-Atti tal-Viżta ta' l-Isqof Balaguer

Ġiet reġistrata fil-viżta pastorali li l-Isqof Mikiel Ġlormu Balaguer li saret fil-Mosta fit-8 ta' Ġunju 1653,

dotazzjoni għall-knisja. Bartilmew - magħruf bħala Breito - Busuttil, bena knisja bi spejjeż tiegħu, fix-xaqliba ta' '***Andar il-Blat***' u ssemmiet għall-Assunzjoni tal-Verġni Mbierka. Din m'għandha x'taqsam xejn mal-knisja parrokkjali. Tumas Fenech ħallielha kapital ta' 15-il irbija fis-sena biex jitkantaw l-ewwel għasar u quddiesa nhar il-festa. F'każ li dawn ma jsirux, l-imgħax kellu jingħata f'idejn il-Kappillan tal-Mosta biex jiġi applikat għal xi ħaġa oħra. Ġanni-Luqa Mamo, kanċellier tal-Viżta Pastorali, niżżel dwar dawn l-obbligi fl-atti tal-viżta.[3]

### 1654 u 1656L Mill-Atti tan-Nutar Fenech u Ralli

Fl-14 ta' Mejju 1654, b'kuntratt quddiem in-Nutar Ġann-Pawl Fenech, Duminku Vassallo ħalla bħala l-werrieta universali tiegħu lill-Veneranda Lampada, jiġifieri l-amministrazzjoni ta' l-altar maġġur tal-knisja parrokkjali tal-Mosta b'xi obbligi. Ġiet obbligata li tagħżel xbejba, darba fis-sena għal dejjem, u tiddotaha għaż-żwieġ. Iż-żwieġ kellu jiġi ċċelebrat fil-festa ta' l-Assunzjoni tal-Verġni Mbierka. Il-Veneranda Lampada ġiet obbligata wkoll biex tieħu ħsieb li jiġu ċċelebrati tliet quddisiet fil-ġurnata tal-Milied u waħda fil-festa ta' Santa Marija Assunta.[4]

Fil-21 ta' Marzu 1656, b'testment quddiem in-Nutar Mikiel Ralli, Sebastjan Busuttil, mill-Belt Valletta, ħalla bħala l-werrieta tiegħu l-knisja parrokkjali tal-Mosta u l-Fratellanza tal-Karità, li hemm imwaqqfa fil-knisja parrokkjali ta' San Pawl tal-Belt. Il-legat kien ser ikollu l-effett tiegħu wara l-mewt ta' mart Busuttil. Il-kapital li ħalla kien ta' 850 skud. Wara li jsir xi quddies għal ruħu, b'dak li jifdal mill-imgħax kellha tiġi ddotata għaż-żwieġ kull sena xbejba fqira mill-Mosta. Din kienet tiġi obbligata tiżżewweġ f'dik il-knisja parrokkjali tal-Mosta: jew fil-festa tal-Purifikazzjoni tal-Madonna (il-Gandlora), jew f'dik ta' l-Assunzjoni, jew f'dik tal-Madonna tar-Rużarju.

Dwar dak li ħalla b'dan it-testment, kien hemm xi problema għaliex, fl-1744, ġie ddikjarat quddiem l-Isqof Alpheran li, sa minn ħafna snin, ma kienx qed jiġi sodisfatt.[5]

### 1708 u 1720: Mill-Atti tan-Nutara Mangion u Sammut

Fl-1708, b'legat fl-atti tan-Nutar Bartilmew Mangion, Ġanni Sammut ħalla lill-Veneranda Lampada biċċa art f''***Ta' Xerri***', fix-xaqliba magħrufa bħala '***Tat-Torba***'. Ħalla wkoll xi djar fil-Mosta. Tqiegħed l-obbligu li terz ta' l-imgħax jitqassam fost il-foqra tal-Mosta. Iż-żewġ terzi l-oħra ġie stabbilit li jmorru għall-bżonnijiet tal-knisja parrokkjali.[6]

Fl-20 ta' Ġunju 1720, b'legat quddiem in-Nutar Ġamri Sammut, Dun Ġann-Dumink Mifsud - li bejn l-1687 u l-1720 - kien Kappillan tan-Naxxar, ħalla legat favur il-knisja parrokkjali tal-Mosta ta' 60 uqija biex bihom jinxtraw xi djar jew jinżammu f'kapital. Il-parroċċa tal-Mosta ġiet marbuta li tiċċelebra kull sena żewġ quddisiet: waħda fl-anniversarju tal-mewt tas-segretarju tiegħu, li kien jaħbat fl-1 ta' Mejju u l-oħra f'xi ġurnata fl-ottava ta' l-Għid ta' l-Imwiet. Ġie stabbilit ukoll li jitqaddes quddies ieħor sempliċi skond kemm joħroġ sakemm tasal is-somma ta' terz ta' l-imgħax. Iż-żewġ terzi li jifdal kellhom imorru għal dak li jkollha bżonn il-knisja parrokkjali tal-Mosta.[7]

### 1738: Mill-Atti tan-Nutar Mangion

Fil-11 ta' Jannar 1738, b'kuntratt quddiem in-Nutar Bartilmew Mangion, Dun Lawrenz Abela - fi żmien meta kien Kappillan tal-parroċċa tal-Mosta - ħalla legat ma' biċċa art li kienet f'***Ħal Farruġ***. Bl-imgħax, il-knisja parrokkjali ġiet obbligata li tieħu ħsieb li jitkantaw l-ewwel għasar u quddiesa kantata solenni għal dejjem nhar il-festa ta' San Lawrenz, il-qaddis ta' ismu.[8]

Fl-istess ġurnata tal-11 ta' Jannar, u quddiem l-istess Nutar Mangion, il-Kappillan Abela ħalla biċċa art f''***Ta' Ġużepp***' fix-xaqliba '***Ta' Ħal Mej***'. Ħalla wkoll xi djar f''***Ta' Bronika***'. Lill-knisja parrokkjali, hu rabatha biex, kull sena u għal dejjem tiċċelebra 11-il anniversarju, li kienu ordnati li jsiru: waħda kantata u l-oħrajn sempliċi.[9]

### 1742: Kodiċill

B'kodiċill (jiġifieri b'nota legali), insibu żieda f'legat ħalli jkun hemm dispożizzjoni oħra. Kienet ta' l-istess Kappillan Abela. Dan, fl-1742, ħalla lill-knisja parrokkjali tal-Mosta dar u ġnien li jmiss magħha, u li kienu l-Mosta. Ħalla wkoll il-propjetà ta' żewġ għelieqi, u r-renta ta' tliet skudi fis-sena li kienu jidħlu minnhom. Dawn kienu f'Għawdex, u kienu tħallew b'ċens perpetwu mill-Kappillan imsemmi u kienu mogħtijin f'idejn Ġorġ Attard, kif jidher f'atti tan-Nutar Bartilmew Mangion. Minn fuqhom, kien hemm l-obbligu li tiġi ċċelebrata quddiesa fil-ġimgħa, f'ġurnata u fi knisja fejn ikun jidhirlu ċ-ċelebrant, skond l-intenzjoni ta' min ħalliehom.[10]

*12 ta' Marzu, 2004.*

*N.B.*

1. MCM, *ACM*, 190, f.146v.
2. *Ibid.*
3. *Ibid.*, f.147r.
4. *Ibid.*, f.146r.
5. *Ibid.*, f.147r.
6. *Ibid.*, f.146r-v.
7. *Ibid.*, f.146v.
8. *Ibid.*, f.147r.
9. *Ibid.*
10. *Ibid.*, f.147v.